**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**

**V**

**SDRAN VULJIC**

**Illum, 17 ta' Dicembru, 2001**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **SRDAN VUJLIC** ta' tnejn u ghoxrin sena bin Balsa u Duska nee Maric, imwieled Belgrad l-Jugoslavia nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Marzu, 1979, u residenti 88/4B, Triq Guze Howa4rd, Sliema detentur tal-passaport numru 002692675 mahrug Belgrad, gie imressaq quddiemha u akkuzat talli fis-sitta u ghoxrin ta' Novembru, 2001 u f'dati precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew ghamel uzu jew kellu fil-pussess tieghu passaport li hu jaf li gie ffalsifikat, imbiddel, jew li sar tibdil fih.

Fl-istess cirkustanzi iffalsifika ceduli jew dokumenti ohra u cioe 34 Travellers Cheques, illi meta jigu presentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jigbor dipozitu jew rahan minn bank jew stabbiliment iehor pubbliku.

Fl-istess cirkustanzi xjentement ghamel uzu mill-imsemmija Travellers Cheques.

Fl-istess cirkustanzi ghamel falsifikazzjoniijet fi skritturi kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjnijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonjiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi

kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. Jew aktar ghamel uzu minn tali skritturi u cioe` numru ta' Travellers Cheques tal-"Tha Sumitomo Bank Ltd." b'valur ta' LM 1400 ghad-detriment ta' diversi persuni.

Fl-istess cirkustanzi ghamel falsifikazzjoni ohra, jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Fl-istess cirkustanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn LM 1000 bi hsara ta' haddiehor.

Talli fl-istess cirkustanzi xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe` 34 Travellers Cheques ghal valur ta' 3400 Dollaru Amerikan, u passaport numru AA914282 mehudin b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxijhom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, tiddikjara l-imsemmi Srdan Vujic bhala immigrant projbit u tohrog ordni ta' tnehhija kontra tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tmienja u ghoxrin ta' Novembru, 2001 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat ili l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-interrogatorju li sar fit-28 ta' Novembru, 2001.

Semghet l-ammissjni tal-imputat fi stadju bikri tal-proceduri u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandix triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza kif addebitata lilu.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` 18, 61, 167, 169, 183, 184 u 188, 189, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligiijet ta' Malta u rat l-artikolu 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jddikjara li l-impuat ta' l-partikolaritajiet tieghu foloz meta kien qed jigi investigat u l-Prosekuzzjoni saret taf bil-partikolaritajiet tajbin tieghu per accidens waqt search li sar fil-proprjeta` tieghu mill-Pulizija Esekuttiva.

Semghet l-avukat difensur jitratta dwar il-piena fis-sens illi stante l-ammissjoni bikrija tal-imputat, l-imputat huwa intitolat ghall-riduzzjoni fil-piena.

Semghet lill-Prosekuzzjoni titratta l-kaz u tghid illi l-Qorti ghandha tkun severa meta tigi biex tapplika l-piena u timponi piena karcerarja.

Il-Qorti qieset ic-cirkostani tal-kaz b' mod partikolari l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-koperazzjoni tieghu waqt ir-rilaxx tal-istqarrija mehuda nhar is-sebgha u ghoxrin ta' Novembru, 2001 esebita fl-atti fis-seduta tal-hadx ta' Dicembru, 2001 mill-Ispettur Joseph Cordina.

Illi l-Qorti thoss illi dawn iz-zewg fatturi jimmeritaw konsiderazzjoni meta l-Qorti tigi biex tinfliggi l-piena ghaliex minhabba l-agir tal-imputat il-hin tal-Qorti ma giex mohli u inoltre gew evitati spejjez pubblici inutli.

**Fic-cirkostanzi ghalhekk wara li l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif addebitati lilu, tikkundannah ihallas multa ta' erbgha mitt lira Maltin fi zmien tmienja u erbghin siegha u fin-nuqqas tali multa ghandha tigi konvertita fi prigunerija skond il-ligi.**

**Oltre dan tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' tmintax il-xahar sospiza ghall-sentejn bl-applikazzojni tal-artikolu 28 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret l-import tas-sentezna lill-imputat u x'jigri f'kaz li hu jonqos li josservaha.**

**Il-Qorti qieghda ukoll tiddikjara lill-imputat bhala immigrant ipprojbit u ghaldaqstant tordna li tinhareg ordni ta'**

**tnehhija kontra tieghu ai termini tal-Artikolu 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**